Nru./No. 21,129
Prezz/Price
€0.54

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 11 ta' Ottubru, 2023
Wednesday, 11th October, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 11,721 - 11,722
Government Notices ..... *11,721 - 11,722*

Avviżi tal-Pulizija ..... 11,722 - 11,723
Police Notices ..... *11,722 - 11,723*

Avviżi tal-Qorti ..... 11,723 - 11,728
Court Notices ..... *11,723 - 11,728*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1395

SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mill-4 ta' Lulju, 2023:

Kunsill Lokali	*Segretarju Eżekuttiv*
Il-Fgura	Gwenith Calleja

Il-11 ta' Ottubru, 2023

Nru. 1396

AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mill-1 ta' Ġunju, 2023:

Kunsill Lokali	*Aġent Segretarju Eżekuttiv*
San Ġiljan	Malcolm Agius

Il-11 ta' Ottubru, 2023

Nru. 1397

AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mit-8 ta' Mejju, 2023:

Kunsill Lokali	*Aġent Segretarju Eżekuttiv*
Il-Fontana	Josianne Cassar

Il-11 ta' Ottubru, 2023

Nru. 1398

DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Deputat

GOVERNMENT NOTICES

No. 1395

LOCAL COUNCIL EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Executive Secretary of that Local Council with effect from 4th July, 2023:

Local Council	*Executive Secretary*
Fgura	Gwenith Calleja

11th October, 2023

No. 1396

LOCAL COUNCIL ACTING EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Acting Executive Secretary of that Local Council with effect from 1st June, 2023:

Local Council	*Acting Executive Secretary*
San Ġiljan	Malcolm Agius

11th October, 2023

No. 1397

LOCAL COUNCIL ACTING EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Acting Executive Secretary of that Local Council with effect from 8th May, 2023:

Local Council	*Acting Executive Secretary*
Fontana	Josianne Cassar

11th October, 2023

No. 1398

LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive

Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 2023:

Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju Eżekuttiv*
Paola	Lorraine Templeman

Il-11 ta' Ottubru, 2023

Nru. 1399

AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mit-13 ta' Settembru, 2023:

Kunsill Lokali	*Aġent Segretarju Eżekuttiv*
L-Għasri	Silvio Xerri

Il-11 ta' Ottubru, 2023

Nru. 1400

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 71 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar Gvern Lokali.

Il-11 ta' Ottubru 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 206

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Fgura

Kull moviment tat-traffiku (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit f'dawn id-dati u ħinijiet hawn taħt:

Secretary of that Local Council with effect from the 1st of October, 2023:

Local Council	*Deputy Executive Secretary*
Paola	Lorraine Templeman

11th October, 2023

No. 1399

LOCAL COUNCIL ACTING EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Acting Executive Secretary of that Local Council with effect from the 13th September, 2023:

Local Council	*Acting Executive Secretary*
Għasri	Silvio Xerri

11th October, 2023

No. 1400

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 71 entitled the Local Government (Amendment) Act, 2023.

11th October 2023

POLICE NOTICE

No. 206

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Fgura

All traffic movement (transit and parking) is prohibited on the date and time hereunder in the locality of Fgura:

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Ottubru, 2023, mis-6.30 a.m. san-12.30 p.m., minn Wesgħa Reggie Miller.

Transport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Ottubru, 2023

On Sunday, 29th October, 2023, from 6.30 a.m. till 12.30 p.m., through Wesgħa Reggie Miller.

Public transport will not be affected.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

11th October, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 207

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat, Malta

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Ottubru, 2023, mis-2.00 p.m. sad-9.00 p.m. minn Triq San Franġisk, u mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m. minn Triq il-Kulleġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Ottubru, 2023

POLICE NOTICE

No. 207

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat, Malta

On Sunday, 15th October, 2023, from 2.00 p.m. till 9.00 p.m. through Triq San Franġisk, and from 4.00 p.m. till 9.00 p.m. through Triq il-Kulleġġ.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

11th October, 2023

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2030

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-11 ta' Settembru, 2023, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 6 ta' Frar, 2024, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-utile dominju perpetwu tat-terraced house immarkata bin-numru uffiċjali tmienja u sittin (68), mibnija fuq porzjon diviż ta' art plott numru erba' mija disgħa u tletin (439) fi Triq Dun Amabile Sisner, Pembroke, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' mija wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) fis-sena, liema ċens għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mis-sitta (6) ta' Marzu, elf disa' mija tmienja u tmenin (1988) u wara f'għeluq kull ħamsa u għoxrin sena in perpetwu għandu jiżdied kull darba bi ħmistax fil-mija (15%) taċ-ċens annwu u dan kif deskritt fil-kuntratt pubbliku

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 11th September, 2023, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Tuesday, 6th February, 2024, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in room number 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Temporary utile dominium of the terraced house, officially numbered sixty-eight (68) built on a portion divided of land plot number four hundred and thirty-nine (439) in Triq Dun Amabile Sisner, Pembroke, as subject to annual and perpetual ground rent of one hundred and twenty-one euro and thirteen euro cent (€121.13) per year. The ground rent ending the twenty-fifth year period from the sixth (6th) March, one thousand, nine hundred and eighty eight (1988) is revisible every twenty-five years and will be increased by 15% of annual ground rent as described in the

fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani tas-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (1999) permezz ta' liema l-proprjetà msemmija ġiet akkwistata mingħand l-Awtorità tad-Djar u stmat li tiswa seba' mija tmienja u għoxrin elf u tmien mija u ħamsa u sebgħin ewro (€728,875).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Curmi Martin (KI 559564M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 39/2018.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

public contract in the acts of Notary Anthony Grech Trapani dated seventeen (17th) November, one thousand nine hundred and ninety nine (1999), by which the said property was acquired from the Housing Authority, valued at seven hundred, twenty eight thousand euro and eight hundred and seventy five euro (€728,875)

The said tenement is the property of Curmi Martin (ID 559564M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 39/2018.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 9th October, 2023

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2031

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fl-24 ta' Ġunju, 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 931 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fl-24 ta' Ġunju, 2019, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas taċ-ċens perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens bin-numru 136/2019 fl-ismijiet Anthony Hili et vs Kuraturi Deputati, sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas taċ-ċens perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt, liema ċedola ġiet ippreżentata fil-21 ta' Ġunju, 2019, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huwa l-fond numru 121, qabel bin-numru uffiċjali 44, Telgħet Gwardamanġa, Gwardamanġa, limiti Tal-Pietà, Malta, kif suġġetta għal ċens annwu u perpetwu ta' ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€1.86c), li kapitalizzat bil-5% jammonta għal €37.20.

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree issued on the 24th of June, 2019, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder so that for all purposes and effect of the law serves as notification in accordance with article 931 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree given on the 24th of June, 2019, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the unknown person or persons entitled to the payment of the perpetual ground rent of the immovable below described in the schedule of deposit and redemption of ground rent bearing the reference number 136/2019 in names Anthony Hili et vs Deputy Curators, in order to represent the unknown person or persons entitled to the payment of the perpetual ground rent of the property described below, which schedule of deposit was filed on the 21st of June, 2019, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

The immovable object of this schedule of deposit is the property number 121, formerly with the official number 44, Telgħet Gwardamanġa, Gwardamanġa, limits of Tal-Pietà, Malta, as subject to an annual and perpetual ground rent of Euro and eighty-six cents (€1.86c), which capitalized at 5% amounts to €37.20.

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bil-artiklu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu dan iċ-ċens, u b'hekk qed jiddepożitaw taħt l-awtorità tal-Qorti l-imsemmija somma ta' €37.20c, liema ammont jista' jiġi liberament mogħti lill-intimati wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Paul Coppini, dakinhar 24 ta' Ġunju, 2019, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 28 ta' Settembru, 2023

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by article 1501 of the Civil Code and redeem this ground rent, thus depositing under the authority of the Court the said sum of €37.20c, which amount can be freely paid out to the respondents after due receipt is tendered according to law.

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and hereby summon any person who wishes to enter as curator to appear within six (6) days in this Registry and file a note of this fact that he undertakes to do so.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the time allowed, this Court will proceed to select a curator of office. And after you have done so, or if you encounter any obstruction in the execution of these banns, you are to inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, abovementioned with the testimony of then Magistrate Dr Paul Coppini, then namely on the 24th of June, 2019, a Magistrate of the aforesaid Court.

Today the 28th of September, 2023

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Reġistratur, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2032

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru, 2023 (Digriet numru 116/2023BS, wara rikors numru 99/2023BS) ġie kkonfermat interdett mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Sam Cutajar, miżżewweġ lil Carmela Cutajar, iben il-mejtin Lawrence Cutajar u Grace Cutajar née Vella, imwieled l-Għasri, Għawdex, u residenti x-Xagħra, Għawdex (karta tal-identità numru 32048G).

Carmela Cutajar, pensjonanta, mart Sam Cutajar, bint il-mejtin Paul Xerri u Mary Theresa Xerri née Mercieca, imwielda x-Xagħra, Għawdex, u residenti x-Xagħra, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 76751G, ġiet bl-istess digriet nominata kuratriċi tiegħu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 9 ta' Ottubru, 2023

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction, on the twenty-seven (27th) of September of the year, 2023 (Decree number 116/2023BS following application number 99/2023(BS) Sam Cutajar, merried to Carmela Cutajar, son of the late Lawrence Cutajar and Grace Cutajar née Vella, born in Għasri, Gozo, and resides in Xagħra, Gozo, holder of identity card number 32048G has been confirmed interdicted from all acts of civil life.

Carmela Cutajar, pensioner, wife of Sam Cutajar, daughter of the late Lawrence Cutajar u Grace Cutajar née Vella, born in Xagħra, Gozo, and resides in Xagħra, Gozo, holder of identity card number 76751G, has been nominated as his curator by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 9th of October, 2023

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2033

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-21 ta' Awwissu, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 846/2023AJD, li ġie ppreżentat fit-2 ta' Awwissu, 2023, fl-ismijiet: Atkins Raymond vs Mercieca Alexander sive Alex, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' disgħin elf ewro (€90,000). Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kollha kontra l-intimat li huwa inġunt in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-13 ta' Ottubru, 2023, fid-8.55 a.m.

Notifika: Mercieca Alexander sive Alex, 4, Anil, Triq il-Ħawt, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Ottubru, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 21st August, 2023, in the acts of Sworn Application number 846/2023AJD, which was presented on the 2nd August, 2023, in the names: Atkins Raymond vs Mercieca Alexander sive Alex, was ordered the following publication, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12, to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: To condemn the respondent to pay the plaintiff the sum of ninety thousand euro (€90,000). With all costs and interest against the respondent who is now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 13th October, 2023, at 8.55 a.m.

Notification: Mercieca Alexander sive Alex, 4, Anil, Triq il-Ħawt, Swieqi

Register of the Superior Courts, today 9th October, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2034

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Lulju, 2023, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-atti rikors ġuramentat numru 52/2023(BS) fl-ismijiet 'Excel Investments Limited versus Raymund Camilleri' ppreżentat fir-Reġistru fil-Qorti msemmija fit-3 ta' Mejju, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Raymund Camilleri, karta tal-identità numru 124150M, 'Vella', Triq San Pietru, L-Għarb, Għawdex, u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

'Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, ċjoè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix preżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi sażżmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża.'

It is hereby notified that by virtue of a decree given on 26th of July, 2023, given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, in the records of sworn application number 52/2023(BS) in names 'Excel Investments Limited versus Raymund Camilleri' filed in the Registry in the said Court on the 3rd of May, 2023, the publication of the extract reproduced below was ordered and this in order to serve as a notification against the respondent Raymund Camilleri, identity card number 124150M, of Vella', Triq San Pietru, Għarb, Gozo, and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

'Whoever receives this sworn application against him must present his reply within twenty (20) days from the date of notification, namely from when he receives it. If the sworn reply is not filed in writing as required by the law within the said timeframe, the Court will proceed to give the decision according to the law.

Therefore, it is in the interest of whoever receives this sworn application to speak to a lawyer without delay so that the Court will hear what he has to say in the case.'

Rikors numru 52/2023

Excel Investments Limited (numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija C81721), 'Excel Investments Limited', 72, Triq Mattia Preti, Ir-Rabat, Għawdex

vs

Raymund Camilleri (karta tal-identità numru 124150M), 'Vella', Triq San Pietru, L-Għarb, Għawdex

Rikors ġuramentat ta' Excel Investments Limited

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu Mark Agius (karta tal-identità numru 7888G) jikkonferma filwaqt illi jiddikjara illi huwa jaf il-fatti personalment u fil-kwalità tiegħu ta' direttur tal-kumpanija attriċi illi:

1. Il-kumpanija attriċi flimkien mal-konvenut iffirmaw konvenju għax-xiri daparti tas-soċjetà attriċi mingħand Camilleri tal-propjetà konsistenti minn appartament internament bin-numru sebgħa ittra A fit-third floor level ta' korp bini mingħajr numru bl-isem 'Archway Court Block A', Triq Misraħ il-Barrieri, L-Imsida, liema konvenju ġie ffirmat fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar, elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fil-preżenza tan-Nutar Kristen Dimech.

2. Illi fuq dik l-iskrittura l-attriċi kienet ħallset is-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000) bħala depożitu inizjali;

3. Illi, imbagħad, fl-ewwel (1) ta' Ġunju elfejn u wieħed u għoxrin (2021) l-esponenti ħallset somma addizzjonali ta' għaxart elef ewro (€10,000) lil Camilleri bħala depożitu akkont tal-prezz;

4. Illi l-konvenju skada u tilef l-effetti tiegħu kollha b'effett mit-30 ta' Novembru, 2021, mingħajr ħadd mill-partijiet ma ħa l-azzjoni prospettata fl-artikolu 1357 tal-Kap. 16 sabiex iżomm l-effetti ta' dik il-wegħda fis-seħħ;

5. Illi għalhekk l-esponenti għandha d-dritt għar-rifużjoni tad-depożitu ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000), flimkien mal-imgħax fuq din is-somma b'effett mill-l ta' Diċembru, 2021;

6. Illi minkejja li ġie interpellat sabiex iħallas l-ammont dovut permezz ta' ittra uffiċjali tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru, 2022 (Ittra numru 130/2022), l-intimat baqa' inadempjenti;

7.Illi l-esponenti trid titħallas l-ammont dovut lilha.

Application number 52/2023

Excel Investments Limited (company registration number C81721), 'Excel Investments Limited', 72, Triq Mattia Preti, Victoria, Gozo

vs

Raymund Camilleri (identity card number 124150M), 'Vella', Triq San Pietru, Għarb, Gozo

Sworn application of Excel Investments Limited

Respectfully, and under oath Mark Agius (identity card number 7888G) confirms while declaring that he has cognizance of the facts personally and in his capacity as a director of the plaintiff company, that:

1. The plaintiff company together with the defendant signed a promise of sale agreement for the purchase by the plaintiff company from Camilleri of the property consistent of an apartment internally marked with the number seven letter A at the third floor level of a block of building without number named 'Archway Court Block A', Triq Misraħ il-Barrieri, Msida, which promise of sale agreement was signed on the twenty-second (22nd) of January, two thousand and twenty-one (2021) in the presence of Notary Kristen Dimech.

2. Whereas on that agreement the plaintiff had paid the sum of five thousand euro (€5,000) as an initial deposit;

3. Whereas, then, on the first (1st) of June two thousand and twenty one (2021) the plaintiff company paid an additional sum of ten thousand euro (€10,000) to Camilleri as a deposit on account of the price;

4. Whereas the agreement expired and lost all its effects with effect from 30th November, 2021, without any of the parties taking the action envisaged in article 1357 of the Cap. 16 in order to maintain the effects of that promise of sale in force;

5. Whereas therefore the plaintiff company has the right to the refund of the deposit of fifteen thousand euro (€15,000), together with the interest on this sum with effect from the 1st of December, 2021 ;

6. Whereas despite being asked to pay the amount due through a judicial letter of the twenty-first (21st) of December, 2022 (letter number 130/2022), the defendant remained in default;

7. Whereas the plaintiff company demands to be paid the amount due to it.

Għid għalhekk int konvenut għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li int għandek tirrifondi lill-attriċi s-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) rifużjoni tad-depożitu mħallas fuq l-imsemmi konvenju, flimkien mal-imgħax mill-1 ta' Diċembru, 2021, sad-data tal-pagament effettiv;

2. Tikkundannak tħallas dan l-ammont flimkien mal-imgħax b'effett mill-1 ta' Diċembru, 2021, sad-data tal-pagament effettiv.

BI-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Diċembru, 2022, ittra numru 130/2022.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li minn issa inti msejjaħ.

L-Avukat Dott. Carmelo Galea

Il-kawża hija differita għat-13 ta' Ottubru, 2023, fit-8.00 a.m, fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 9 ta' Ottubru, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Therefore, you the defendant are asked to state why this Honourable Court should not:

1. Declare that you should reimburse the plaintiff company the sum of fifteen thousand euros (€15,000) being the refund of the deposit paid on the said promise of sale agreement, together with interest from 1st December, 2021, until the date of effective payment;

2. Order you to pay this amount together with interest with effect from 1st December, 2021, until the effective payment date.

With the costs of the judicial letter of the 21st of December, 2022, letter number 130/2022.

The defendant is summoned for his oath.

Advocate Dr Carmelo Galea

The case is adjourned to the 13th October, 2023, at 8.00 a.m. at the Gozo Court building, Misraħ il-Katidral, Victoria, Gozo.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This 9th October, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2035

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fit-2 ta' Ottubru, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 577/2023FDP, li ġie ppreżentat fis-6 ta' Ġunju, 2023, fl-ismijiet: Bonello Hadrian et vs Menshova Alexandrovna Natalia, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lill-konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss minn din il-Qorti tiżgombra mill-fond terran bl-isem 'Venus' 53, Triq Salvu Psaila, Birkirkara. Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-23 ta' Ottubru, 2023, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Menshova Alexandrovna Natalia, 53, Triq Salvu Psaila, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Ottubru, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 2nd October, 2023, in the acts of Sworn Application number 577/2023FDP, which was presented on the 6th June, 2023, in the names: Bonello Hadrian et vs Menshova Alexandrovna Natalia, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Chapter 12, to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Ordering the defendant to evict from the ground floor named 'Venus' 53, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, within a short and peremptory time that is given to her by this Court. With all costs against the defendant

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 23rd October, 2023, at 9.30 a.m.

Notification Respondent: Menshova Alexandrovna Natalia, 53, Triq Salvu Psaila. Birkirkara

Register of the Superior Courts, today 9th October, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*